NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 45 - IT-TLIETA 13 TA' JANNAR 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku infurmat li s-Sur Salvu Sciberras kien irriżenja b'effett immedjat mill-kariga ta' Kunsillier. Għaldaqstant kienet saret elezzjoni każwali fejn ġie elett is-Sur Glenn Fenech. Għaldaqstant kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera ferħu u laqgħu lis-Sur Fenech. Kien hemm qbil li s-Sur Fenech ikollu l-istess responsabbiltajiet li kellu s-Sur Sciberras.

1.2. Is-Sindku talbet li ssir emenda fuq para. 6, jiġifieri l-lista tar-rikostruzzjoni tal-bankini u t-toroq, biex jiddaħħlu Triq Ferdinand von Hompesch u Triq Ċensu Muscat. Kien hemm qbil li bħala ordni ta' xogħol għandu jkun kif ġej: Triq l-Inkwina, Triq Ħal Musulmett, Triq Ċensu Muscat, Triq Dun Ġakominu Galea, Triq il-Ħamrija, Triq it-Torri tal-Kaptan u Triq F. Von Hompesch.

1.3. Hawnhekk daħlet il-Kunsilliera Miceli. Il-ħin kien id-8:40pm.

1.4. Il-Kunsillier Agius staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar para. Nru 5. Is-SE informa li hu kien kellimhom però ma kienx għad kellu risposta.

1.5. Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-SE informa li l-alarm tal-Kunsill kienet ġiet *upgraded*.

1.6. Fir-rigward tal-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 1.3, is-SE informa li jidhirlu li kien hemm żewġ każini oħra (il-PN u l-Każin tal-Vittorja) li urew interess li jixtru reċipjent għat-tifi u rimi tas-sigaretti. Il-Kunsilliera Miceli talbet li jiġi installat reċipjent minnhom viċin tal-iskejjel.

1.7. Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para 1.4, is-SE informa li l-ħaddiema kien għad ma kellhomx l-opportunità biex jagħmluh. Huwa fakkar li minħabba xogħol relatat mal-Milied ix-xogħol tal-Kunsill waqa' lura ħafna.

1.8. Il-Kunsillier Gatt semma' li s-Sur Elio Lombardi ma kienx għadu tħallas ta' attività li nżammet f'Mejju tas-sena ta' qabel. Għaldaqstant kien hemm qbil li huwa jingħata l-ħlas ta' €50 ta' din l-attività kif ukoll tal-ikla tal-anzjani. Il-Viċi Sindku infurmat li kienu ħafna l-anzjani li rringrazzjaw lill-Kunsill ta' din l-attività għaliex kienu ħadu gost ħafna.

1.9. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-SE u s-Sindku.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li meta hi u s-SE kienu fuq żjara f'Mornago, hija kellha opportunità tiddiskuti fuq possibiltà li jsiru xi skambji ta' gruppi ta' residenti bejn in-Naxxar u Reggio fl-Italja. Minħabba li dawn ir-rappreżentanti kienu se jkunu f'Malta aktar tard f'Jannar is-Sindku infurmat li kienet se tiltaqa' magħhom u tgħaddi aktar informazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

2.2. Il-Kunsilliera Miceli ħadet l-opportunità biex tinforma li kien hemm possibiltà li jintbagħtu numru żgħir ta' residenti li għandhom 'il fuq minn 50 sena u li lesti jaħdmu bħala voluntiera f'xi qasam bħala parti minn programm tal-UE G. Kien hemm qbil li l-Kunsill, permezz tal-Kunsilliera Miceli, għandu jsib xi voluntiera u japplika għal dan il-programm.

2.3. Is-Sindku infurmat li ż-żjara ġo Mornago kienet marret tajjeb u li kien hemm qbil li l-Kunsill ta' Mornago għandu japplika għal programm tal-UE fosthom fuq l-edukazzjoni, skambju ta' SME's u skambji ta' żgħażagħ. Is-Sindku infurmat ukoll li kien hemm il-ħsieb li delegazzjoni min-naħa ta' Mornago tiġi Malta għall-ħabta ta' Marzu/April. Hija kompliet li kemm hi u kemm is-SE huma tal-fehma li hemm lok kbir li jsir ġemellaġġ formali. Wara konsiderazzjoni kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill li għandu jintalab il-permess mill-Ministru biex isir il-ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel ukoll li ż-żewġ kunsilli għandhom jipproċedu b'applikazzjonijiet minn fondi tal-UE fil-ħin opportun.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Is-SE informa li l-lista ma laħqitx tlestiet u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex itih il-fakultà li jmexxi bil-ħlasijiet li jkunu bla problemi. Huwa fakkar li dan ġara minħabba riżenji fl-istaff.

## 4. XIRI TA' LAPTOP U XI APPARAT TAL-KOMPJUTER

4.1. Is-SE informa li kien qed iħoss il-bżonn li jinxtara *laptop* minħabba raġunijiet ta' mobilità. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara.

4.2. Hawnhekk huwa semma' wkoll li kien ra sistema ta' LAN fejn b'sistema waħda jistgħu jitqabbdu wkoll numru ieħor ta' terminals. Is-SE informa li l-kompjuters kollha tal-amministrazzjoni huma fil-bżonn li jiġu *upgraded* jew mibdula u għaldaqstant dan l-eżerċizzju jista' jwassal biex jiffranka l-flus lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora din il-possibiltà iżda sadanittant is-SE għandu jikkonferma mal-MITTS jekk din is-sistema tkunx aċċettabbli għalihom.

## 5. SERVIZZ TA' *ACCOUNTANT*

5.1. Is-SE informa li kien hemm tliet applikanti li tefgħu l-kwotazzjoni tagħhom għal dan is-servizz. Kien hemm qbil li għandha ssir intervista magħhom speċjalment għaliex kien hemm diskrepanza fil-prezzijiet ta' bejniethom.

## 6. PROĊESS TA' IMPJIEG TA' SKRIVANI

6.1. Is-SE informa li s-Sinj. Borg kienet tefgħet ir-riżenja tagħha b'effett mill-aħħar tas-sena u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li l-Kunsill jerġa' joħroġ avviż ta' impjieg ieħor. Huwa fakkar li fil-preżent il-Kunsill għandu għalhekk vakanza għal żewġ skrivani.

6.2. Sadanittant diġà saret talba biex jiġu impjegati żewġ skrivani. Huwa informa li, sadanittant, wara d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' xi ġimgħat ilu, kien kiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jixtri servizzi klerikali fuq kuntratt definit. Huwa għalhekk kien għamel sejħa pubblika għal dan is-servizz iżda talab lill-Kunsill biex, sakemm jinkisbu l-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz, il-Kunsill jixtri servizzi purament temporanji mingħand is-Sinj. Agius li fil-preżent offriet servizzi volontarja u li qed tagħmel dan tajjeb ħafna. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba filwaqt li x-xiri tas-servizzi mingħand is-Sinj. Agius jibqa' sakemm il-Kunsill jikkonkludi l-proċess tal-kwotazzjonijiet għall-istess servizz.

## 7. TALBA GĦAL *STUDY LEAVE*

7.1. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill japprova erbat ijiem *study leave* lis-Sinjorina Josette Micallef sabiex tattendi għall-eżamijiet tal-kors tal-qarrej tal-provi fil-Malti, liema kors ġie mħallas mill-istess Kunsill.

## 8. IŻ-ŻBIR TAS-SIĠAR

8.1. Hawnhekk issemmiet il-problema taż-żbir tas-siġar li hemm fiż-żewġ toroq ewlenija tan-Naxxar, Triq tal-Labour (għalkemm mhux fir-responsabbiltà tal-Kunsill) u Vjal il-21 ta' Settembru, fejn is-siġar kienu għolew wisq u saħansitra qabżu anke l-bjut. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti biex dawn is-siġar jibdew jinqatgħu min-naħa ta' fuq u jitbaxxew. Dan it-tip ta' żbir għandu jalterna bejn siġra u oħra.

## 9. KONTRO-PROPOSTI DWAR IL-PARKEĠĠ TAL-ORATORJU

9.1. Wara li l-Kunsill kien esprima l-ħsieb li jasfalta l-parkeġġ tal-Oratorju bil-kundizzjoni li tkun tista' tintuża mill-pubbliku, l-Arċipriet kien bagħat ittra lill-Kunsill fejn numru ta' kundizzjonijiet sabiex isir ftehim bejn il-Knisja u l-Kunsill.

9.2. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika kemm kienet l-ispiża fil-preżent biex il-parkeġġ tal-Oratorju jiġi asfaltat.

9.3. Se jintalab perijodu żmien definit ta' 30 sena fejn il-Kunsill u l-Arċipriet jidħlu għal ftehim bejniethom sabiex isir ukoll manutenzjoni tal-bitħa.

9.4. Il-Kunsill qabel li l-ħin għall-parkeġġ m'għandux ikun illimitat biex ikun jista' jiġi wżat mir-residenti matul il-lejl.

9.5. Isir ftehim biex possibilment bl-għajnuna tal-Kunsill, il-parkeġġ jiġi mdawwal.

9.6. Il-Kunsill kien qed jassumi li l-Arċipriet ma kienx se jitlob ħlas għall-parkeġġ. Kemm-il darba kien se jkun hemm xi ħlasijiet iżda, il-Kunsill kien se jinsisti li jingħata persentaġġ. Jekk l-Arċipriet ma jaċċettax din it-talba, il-Kunsill ma kienx se japprova li xi parkeġġi setgħu jiġu rriservati għal tul ta' żmien.

9.7. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jimmarka l-parkeġġi kull tliet snin.

## 10. IL-FTUĦ TAL-GRAWND TAL-FUTBOL

10.1. Is-SE informa li kien qed ikollu lmenti li xi studenti mill-iskejjel tekniċi kienu qed jokkupaw il-grawnd tal-futbol mingħajr ma jħallu lil ħaddieħor, b'mod speċjali tfal iżgħar, jagħmlu użu minnu. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-grawnd għandu jitħalla magħluq filgħodu matul il-ħin tal-iskola u jinfetaħ wara nofsinhar fis-1:30pm filwaqt li matul il-weekend jinfetaħ il-ġurnata kollha. Fis-sajf, meta ma jkunx hemm skola, jinfetaħ il-ġurnata kollha.

## 11. ATTIVITAJIET

11.1. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm tibdil fl-attività tal-Karnival. Għaldaqstant se tinstab kumpanija biex jieħdu ħsieb iferrħu lit-tfal waqt il-festin tal-Karnival. Il-Kunsillier Joe Grech se jipprova jirranġa biex ikun hemm rigal b'xejn għat-tfal kif ukoll possibilment *candy-floss*. Se jsir arranġament ukoll mal-*Melita Trains* biex jinġieb it-tren ħalli jieħu dawra lit-tfal kollha li jattendu għal din l-attività. Kien hemm qbil ukoll li din l-attività tinżamm fil-grawnd tal-futbol u f'każ ta' xita, issir fis-Sala tal-Kunsill.

11.2. Kien hemm qbil li għaż-żjara tar-rappreżentanza minn Mornago, ikun hemm arranġament mal-Kor tan-Naxxar sabiex tittellgħa attività, preferibbilment ġewwa Palazzo Parisio.

11.3. Fir-rigward ta' NaxxarFest, is-Sindku ssuġġeriet li ssir ikla maltija fil-Pjazza. Ma kienx hemm qbil dwar dan u għaldaqstant għandha terġa' tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

11.4. Sadanittant is-SE tenna fil-ħtieġa li jkun iffurmat kumitat speċifikament biex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni totali għaliex kull attività qed tħarbat l-andament tax-xogħol amministrattiv.

## 12. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

12.1. Is-Sindku infurmat li s-Sur Salvu Sciberras, ex-Kunsillier, kien offra li volontarjament jgħin lill-amministrazzjoni f'xi xogħlijiet relatati ma' sorveljanza ta' xi xogħlijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

12.2. Is-SE talab aktar direzzjoni mingħand il-Kunsill dwar deċiżjoni li ttieħdet waqt laqgħa preċedenti fir-rigward tal-*limited parking* fiż-żona tal-parkeġġ ta' Triq il-Għargħur. Wara diskussjoni l-Kunsill dehrlu li m'hemmx daqstant problemi li timmerita li tattwa miżuri bħal dawn u li kaġun tagħhom jistgħu iwasslu għal aktar problemi għar-residenti. F'dan ir-rigward il-Kunsill qies li kull miżura li tittieħed toħloq effett negattiv fuq żoni oħra.

12.3. Is-SE informa li kien hemm problema ta' persuna li ma tistax toħroġ komda mid-*drive in* minħabba vettura li tkun ipparkjata faċċata. Għaldaqstant kien qed jiġi

ssuġġerit li l-parkeġġ jimxi għal fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsillier Agius ma qabilx ma dan is-suġġeriment minħabba l-fatt li kienet se tbagħti familja li għandhom problemi ta' saħħa. Kien hemm qbil li l-problema tkun diskussa fil-post.

12.4. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha f'nofsillejl filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*

Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*

Segretarju Eżekuttiv